MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 110/2002

**John Borg, f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' Divine Houseware**

**vs**

**Patrick Grima**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tghid ghaliex inti konvenut m'ghandekx tkun ikkundannat thallas is-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin u (Lm110) bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilek mibjugha u kkunsinnata, bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija mid-data ta' l-ittra ufficcjali lilek spedita sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita lilek fis-sbatax (17) ta' Settembru, elfejn u tnejn (2002).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa inti konvenut diga inti ingunt.”

Ra r-riferta posittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fl-24 t’Ottubru 2002 u dik tal-lum;

Sema’ d-depozizzjoni guramentata ta’ l-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut hlief ghal LM40 li thallsu fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba tal-attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ sebghin lira maltija (LM70) bl-imghax legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficcjali tas-17 ta’ Settembru 2002, a kariku tal-konvenut.

(ft) Grazio Mercieca

Gudikatur

(ft) Mary Jane Attard

Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur